Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 39/2015

**Antoinette Mifsud** **(appellat)**

Vs

**Direttur tas-Sigurta Socjali** **(appellant)**

31 ta' Ottubru, 2016.

1. L-appellant appella minn decizjoni tas-16 ta' Settembru 2015 li biha l-Arbitru ddecieda:

*"Dan huwa kaz li jitratta persuna li kif kellha l-obbligu taghmel marret tavza lid-Dipartiment bi bdil ta' cirkostanzi ghal aktar minn darba izda minhabba nuqqasijiet da parti tas-sistema amministrattiva d-Dipartiment, l-appellanta baqghet tircievi l-beneficcju regolarment minkejja li ghal aktar minn darba gibdet l-attenzjoni tal-impjegati fl-ufficcju distrettwali b'dan il-fatt. Kien biss wara xi sentejn li d-Dipartiment iddecieda li l-izball u n-nuqqas tieghu jigi ratifikat.*

*Huwa minnu li d-Direttur Generali ghandu l-fakulta li taghtih il-ligi li jigbor l-ammont imhallas zejjed izda l-ligi ma hijiex hemm biex tigi applikata ad litteram izda jrid jigi ezaminat ukoll l-ispirtu li giet legislata dina l-Ligi li suppost qeghda hemm biex tghin lil dawk li huma anqas vantaggati u ghandhom bzonn is-sostenn tal-Istat. Hu proprju ghalhekk li d-Direttur Generali ghandu d-diskrezzjoni li jezamina kaz bhal dan biex ma ssirx ingustizzja kontra min onora l-obbligi tieghu izda dan il-hlas zejjed sehh minhabba nuqqas tad-Dipartiment stess."*

L-arbitru kompla li kien qieghed jirrakomanda lill-appellant sabiex ma jitlobx lura l-hlas zejjed li sar tort tal-ufficjali tad-Dipartiment. Ghalhekk iddecieda:

*"Ghaldaqstant l-Arbitru huwa tal-fehma illi l-appell huwa gustifikat u ghandu jigi milqugh u d-Direttur Generali ghandu juza d-diskrezzjoni tieghu u jikkunsidra li dan il-kaz huwa maghluq u ebda hlas zejjed ma jingabar."*

2. L-appellant ilmenta li d-decizjoni tal-arbitru hi zbaljata peress li l-appellata kienet irceviet ghajnuna tal-mard li skond l-Att dwar is-Sigurta Socjali ma kinitx intitolata ghaliha ghaliex bintha kienet bdiet tahdem. Ghalhekk id-Dipartiment kellu kull dritt li jitlob lura l-hlas zejjed li ta lill-appellata fil-perjodu bejn it-3 ta' Novembru 2012 u l-11 ta' Lulju 2014.

3. Minn dak li ddikjarat l-appellata waqt is-seduta tal-lum irrizulta li kienet avzat lid-Dipartiment bid-tibdil ta' cirkostanzi, cjoe' li bintha Gezeah Mifsud kienet

bdiet tahdem. Tant hu hekk li mliet formola tat-tibdil tac-cirkostanzi, datata 29 ta' Ottubru 2012 fejn jinghad: *"Kindly find attached PA8 of Clt's daughter Gezech 415296(M) as started working on 8/10/12. Pls re-assess."* Pero' ghal xi raguni baqghet tithallas l-ghajnuna tal-mard. Fatt li tkompla sal-11 ta' Lulju 2014. L-appellant jippretendi rifuzjoni tas-somma ta' €2,133.20 hlas li l-appellata rceviet matul il-perjodu fuq imsemmi.

4. Ladarba l-appellata rceviet hlas li ma kinitx intitolata li tircievi, fatt li hi stess tirrikonoxxi tant li marret tinforma lid-Dipartiment bil-bdil fic-cirkostanzi, id-Dipartiment ghandu kull jedd li jirkupra dawk il-flus li thallsu lill-appellata u li skont il-ligi ma kinitx intitolata li tircievi (Artikolu 102 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali, Kap. 318). Ghandu ragun l-appellant jargumenta li ghalkemm l-appellata kienet in *buona fede*, id-dritt tal-appellant li jithallas lura l-flus li l-beneficjarja rceviet minghajr dritt ma jiddependix minn jekk kinitx *in buona fede* jew le. Kuntrarjament ghal dak li qal l-Arbitru, fejn l-appellant jirrizultalu li persuna tkun irceviet xi somma bhal beneficcju, pensjoni allowance jew ghajnuna taht il-Kap. 318 li ma kellhiex dritt ghalih skond id-disposizzjonijiet tal-Att, **ghandu dmir** li jirkupra dak il-hlas zejjed. F'dan ir-rigward minn qari tal-ligi ma jidhirx li l-appellant ghandu diskrezzjoni jekk jigborx jew le flus li persuna tkun irceviet minghand id-Dipartiment meta skont l-Att m'humiex dovuti.

**Ghal dawn il-motivi thassar id-decizjoni tal-Arbitru tas-16 ta' Settembru 2015 u tikkonferma d-decizjoni li kien ha l-appellant skond l-avviz datat 29 ta' Lulju 2014.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.**

Anthony Ellul.